# JOHN DUNS SCOTUS
# JIDDEFENDI L-IMMAKULATA

Noel Muscat OFM

Il-Beatu John Duns Scotus (1265/66 – 8 ta' Novembru 1308) hu meqjus bħala d-Duttur ta' l-Immakulata. Kien hu li ipprovda tejoloġija sistematika dwar dan il-privileġġ marjan, li l-Knisja għamlitha tagħha fil-proklamazzjoni tad-Domma ta' Fidi dwar l-Immakulata Kunċizzjoni, permezz tal-Bulla «Ineffabilis Deus» tal-Beatu Papa Piju IX (8 ta' Diċembru 1854), li din is-sena qegħdin niċċelebraw għeluq il-150 anniversarju tagħha.

Id-duttrina tejoloġika ta' John Duns Scotus dwar l-Immakulata tinsab miġbura fil-Volum XX tal-«Lectura in Librum Tertium Sententiarum», fit-tielet «distinctio» u fl-ewwel «quaestio», intitolata «Utrum Beata Virgo fuerit concepta in peccato originali» (Dwar jekk il-Verġni Mqaddsa ġietx imnissla bid-dnub oriġinali). Issa li għandna f'idejna l-edizzjoni kritika ta' din il-«quaestio», bil-ħidma tal-Kummissjoni Scostista Internazzjonali, li l-Ordni Franġiskan imexxi fil-Pontificio Ateneo Antonianum ta' Ruma, nistgħu nippreżentaw b'mod kemm jista' jkun sempliċi, u bil-limitazzjonijiet tagħna, il-qofol ta' din id-duttrina marjoloġika, li tinbena fuq tagħlim kristoloġiku sod. Biex ma ntaqqlux il-qari m'aħniex sejrin inġibu n-noti u r-riferenzi ta' l-apparat kritiku. Inħallu din il-ħidma f'idejn min irid japprofondixxi aktar billi jikkonsulta l-oriġinali latin ta' l-edizzjoni kritika[1]. It-tama tagħna hi li dan l-isforz ikun ta' għajnuna biex wieħed jifhem il-kontribut li l-Ordni Franġiskan ta lill-Knisja fit-tagħlim tagħha dwar l-Immakulata Kunċizzjoni tal-Verġni Marija.

## Argumenti kontra l-Immakulata Kunċizzjoni

Scotus jibda billi jġib l-argumenti mill-Iskrittura u Missirijiet il-Knisja li t-tejoloġi ta' żmienu kienu jġibu kontra l-Immakulata Kunċizzjoni. L-ewwel argument hu meħud minn dak li jikteb San Pawl fl-Ittra lir-Rumani 5,12: «Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu». Skond it-tnissil tal-ġisem minn Adam, għaldaqstant, kulħadd, bla ebda eċċezzjoni, twieled imċappas bid-dnub oriġinali. L-unika eċċezzjoni għar-regola kien Kristu. Skond Santu Wistin, fil-Kummentarju tiegħu tal-Ġenesi, Levi tnissel minn Adam skond il-ġisem, imma mhux Kristu, u għaldaqstant Kristu ma ttebbax bid-dnub oriġinali. Il-bnedmin l-oħrajn kollha tnisslu minn Adam skond il-ġisem

[1] DOCTORIS SUBTILIS ET MARIANI B. IOANNIS DUNS SCOTI, Ordinis Fratrum Minorum, *Opera Omnia*. Iussu et Auctoritate Rmi. P. Iacobi Bini, totius Ordinis Fratrum Minorum Minister Generalis, studio et cura Commissionis Scotisticae, ad fidem codicum edita. Vol. XX: Lectura in Librum Tertium Sententiarum: a distinctione prima ad decimam septimam. Distinctio III, Quaestio I: «Utrum Beata Virgo fuerit concepta in peccato originali», Civitas Vaticana, Typis Vaticanis MMIII, 119-138.

(*secundum rationem seminalem*), u wkoll il-Verġni Marija tnisslet skond il-ġisem. Għaldaqstant hi wkoll kellha tiċċappas bid-dnub oriġinali.

San Ġwann Damaxxenu jgħid li l-Imqaddsa Verġni ġiet imnaddfa (ippurifikata) mill-Ispirtu s-Santu. Mela, la ġiet ippurifikata hi bilfors kellha titnissel bid-dnub oriġinali.

Santu Wistin jgħid ukoll: «Għandek iżżomm bl-akbar qawwa u ma tiddubitax, li l-bnedmin kollha li jitnisslu mill-għaqda bejn ir-raġel u l-mara, jitwieldu bid-dnub oriġinali». Issa l-Verġni Marija tnisslet mill-għaqda bejn raġel u mara; mela hi wkoll kellha d-dnub oriġinali fit-tnissil tagħha.

San Ljun il-Kbir, fl-Omelija 22 tal-Milied, jikteb li «l-Mulej ġie biex ifejjaq lil kulħadd», mela inkluża lil Ommu Marija.

San Bernard jgħid li Marija setgħet ġiet imqaddsa (santifikata) mid-dnub oriġinali jew fil-mument tat-tnissil, jew wara. Mhux fit-tnissil, għaliex il-ġibda tal-ġisem u s-santifikazzjoni ma jistgħux joqogħdu flimkien. Jekk ġiet imnaddfa wara t-tnissil, mela dan juri li kienet imnissla fid-dnub oriġinali.

Scotus jgħid ukoll li, skond il-prassi liturġika tal-Knisja fi żmienu, kienet tiġi iċċelebrata l-festa tat-Twelid tal-Verġni Marija, imma mhux dik tal-Kunċizzjoni, għaliex fit-tnissil Marija kellha d-dnub oriġinali.

## Argumenti favur l-Immakulata Kunċizzjoni

L-opinjonijiet ta' Missirijiet il-Knisja sa żmien John Duns Scotus kienu, fil-maġġoranza tal-każi, mhux favorevoli għall-possibilità li Marija setgħet tiġi mnissla mingħajr dnub oriġinali. Minkejja dan, Scotus jikkwota lil Santu Wistin, li fid-*De natura et gratia*, jikteb: «Fejn tidħol il-kwestjoni tad-dnub, fil-każ ta' Marija jiena ma rridx nikkummenta».

Sant'Anselmu, fil-*De conceptu virginali*, jikteb: «Kien jixraq li l-Omm ta' Kristu jkollha tant safa li akbar minnha ħadd ma jista' jaħseb».

## Il-preżentazzjoni tal-kwestjoni: l-opinjoni komuni u l-espożizzjoni tagħha

L-Iben ta' Marija kien il-Feddej ta' kulħadd, u bil-mewt tiegħu Hu immerita s-salvazzjoni għal Ommu u għall-bnedmin kollha. Imma kieku Ommu ma kienetx imnissla fid-dnub oriġinali, billi hi ma kellha l-ebda dnub attwali, mela allura ma kienx ikollha bżonn ta' Feddej, għaliex kienet tkun bla dnub. U kieku hi ma kienetx ittebbgħet bid-dnub oriġinali, il-bieb tal-ġenna ma kienx jingħalaq għaliha, u ma kienx jinfetaħ għaliha fil-mewt ta' Binha, għax kieku hi mietet qabel ma miet Binha, kienet tkun tista' tara lil Alla wiċċ imb'wiċċ.

Il-ġisem ta' Marija tnissel bħall-ġisem tal-bnedmin l-oħrajn kollha. Mela hi kienet imċappsa bid-dnub oriġinali. Billi d-dnub oriġinali jsib il-kawża materjali tiegħu fil-ġisem, mela l-ewwel irid jingħaqad il-ġisem mar-ruħ qabel ma l-bniedem jirċievi l-grazzja. Issa fl-istess mument li fih ir-ruħ tingħaqad mal-ġisem, dak il-ħin hi tiċċappas bid-dnub oriġinali. Mhux biss, imma talli Marija wkoll sofriet it-tbatijiet li huma l-effett tad-dnub tan-nisel, u dan mhux billi ġarrithom fuqha għax riedet, bħalma għamel Kristu biex isalva lill-umanità, imma bħala konsegwenza tas-solidarjetà mal-bnedmin fl-istat tad-dnub oriġinali.

## Agrumenti kontra l-opinjoni komuni

Scotus hawnhekk jibda d-difiża tiegħu tal-privileġġ marjan, billi bil-kuraġġ kollu jeħodha kontra l-opinjonijiet komuni ta' żmienu. L-ewwel argument tiegħu hu dak mibni fuq Kristu bħala l-medjatur mill-aktar perfett. Dan hu l-kliem tad-Duttur Sottili u Marjan:

«Kristu kien l-aktar medjatur perfett. Għaldaqstant hu kellu l-ogħla grad ta' medjazzjoni favur xi persuna oħra. Imma hu ma setax ikun medjatur u riparatur mill-aktar perfett kieku ma ippreservax lil Ommu mid-dnub oriġinali (kif sejrin nippruvaw). Għalhekk billi hu kien l-aktar medjatur perfett a favur il-persuna ta' Ommu, minn dan nikkonkludu li hu ħelisha mid-dnub oriġinali»[2].

Scotus juri li l-att perfett ta' medjazzjoni favur persuna ma għandux x'jaqsam biss fil-fatt li din tkun meħlusa mill-ħtija tad-dnubiet attwali, imma saħansitra mill-ħtija li ġejja mid-dnub tan-nisel (*culpa contracta*). Hu jġib eżempju meħud mill-opra ta' Sant'Anselmu, *Cur Deus homo* II, c.16. Ikun hemm sultan, li minħabba offiża li jirċievi minn missier, jikkastiga lilu u lil uliedu kollha billi jibgħathom fl-eżilju. Imma jitwieled wieħed li s-sultan ikun irid iħarsu bi mħabba, aktar milli jagħtih il-piena ta' l-eżilju. Minħabba din il-medjazzjoni tiegħu hu jaħfirlu l-piena (l-eżilju), imma mhux il-ħtija li twieled fiha. Għalhekk hu jibqa' għadu tiegħu, għax għalkemm jaħfirlu l-eżilju, imma ma jaħfirlux il-korla li jkollu għalih. F'dan il-każ ma nistgħux nitkellmu minn medjatur perfett, ħlief jekk hu mhux biss jaħfer il-piena ta' l-eżilju, imma wkoll jinsa l-korla tiegħu.

Minn dan nikkonkludu li ma jistax ikun hemm medjatur u rikonċiljatur mill-aktar perfett jekk ma jakkwistax il-maħfra ta' l-ikbar ħtija. Kristu ma setax ikun medjatur perfett kieku ħalla ruħ waħda imċaħħda mir-rettitudni tagħha. Issa l-Verġni mqaddsa kienet għal kollox innoċenti. Jekk Binha kien għaliha l-feddej u rikonċiljatur perfett, mela nikkonkludu li hu ippreservaha minn kull dnub oriġinali. It-Trinità Qaddisa, li minn dejjem kienet tara quddiemha l-merti tal-passjoni ta' Kristu, minħabba din ir-raġuni, setgħet tippermetti li l-Verġni tkun dejjem imħarsa (ippreservata) minn kull ħtija, kemm attwali kif ukoll oriġinali.

---

[2] «Christus fuit perfectissimus mediator, igitur habuit quantum ad aliquam personam summum gradum mediationis; sed non fuisset perfectissimus mediator et reparator nisi Matrem praeservasset a peccato originali (ut probatur); igitur cum ipse fuerit perfectissimus mediator quantum ad personam Matris suae, sequitur quod praeservavit eam a peccato originali».

**Rigward l-argumenti ta' l-opinjoni komuni**

L-ewwel argument ta' l-opinjoni kontrarja għal dik ta' Scotus għandu x'jaqsam mal-fatt li, jekk il-Verġni Marija ma kienetx imċappsa bid-dnub oriġinali, mela hi ma kellhiex bżonn li tiġi mifdija. Imma Scotus jgħid li l-proċess kien bil-maqlub, għax aktar ma persuna tkun irċeviet ġid bil-ħidma ta' medjatur, aktar tkun midjuna lejh u jkollha bżonnu. Hekk hu l-każ tal-Verġni Marija li kellha bżonn ta' Kristu aktar mill-bnedmin l-oħrajn kollha. Dan għaliex hi ġiet ippreservata mill-ħtija għall-merti tal-passjoni ta' Kristu, u hekk ġiet mifdija b'mod mill-aktar nobbli. Fuq kollox, hi ħaġa aktar nobbli li wieħed jippersevera lil xi ħadd milli jaqa' fil-ħtija milli li jħallih jaqa' fiha biex imbagħad jifdih minnha![3]

It-tieni argument ta' l-opinjoni kuntrarja juri li, kieku l-Verġni Marija kienet meħlusa mid-dnub oriġinali, mela għaliha l-bieb tal-ġenna ma kienx ikun magħluq, u hekk kienet tkun bħal Kristu f'kollox. Imma Scotus juri li l-bieb tal-ġenna infetaħ għall-Verġni Marija mhux b'xi ħila tagħha, imma biss għall-merti tal-passjoni ta' Kristu. Kien biss wara li Kristu applika l-merti tal-passjoni tiegħu għaliha li Marija, bħall-bqija tal-bnedmin, setgħet ikollha l-viżjoni bejatifika. Mela anke għal Marija kien hemm bżonn il-passjoni ta' Kristu biex ma jingħalaqx għaliha l-bieb tal-ġenna. Id-differenza kienet tikkonsisti biss fil-fatt li l-Verġni Marija ġiet ippreservata minn qabel minn kull ħtija għall-merti tal-passjoni ta' Kristu, filwaqt li l-kumplament tal-bnedmin jiġu meħlusin mill-ħtija biss wara li jiġu applikati għalihom il-merti tal-passjoni ta' Kristu permezz tal-grazzja li taħdem b'mod ordinarju fis-sagramenti.

Rigward it-tielet argument, li kien isostni li l-ruħ tiċċappas bid-dnub oriġinali malli tidħol fil-ġisem tal-bniedem, Scotus iwieġeb li, fl-istess waqt li fih Alla ħalaq ir-ruħ, seta' jagħniha bil-grazzja tas-santifikazzjoni. Mhux biss, imma li Hu seta' wkoll inaddaf il-ġisem qabel l-għaqda tiegħu mar-ruħ, kif seħħ fit-tnissil ta' l-Iben ta' Alla fil-ġuf ta' Marija.

Ir-raba' argument jgħid li l-effett tad-dnub hu t-tbatija u l-ħtieġa f'kull sens, flimkien mal-mewt. Issa nafu li Kristu wkoll sofra dan kollu. Imma nafu wkoll li Hu sofra għaliex b'rieda ħielsa ried jitgħabba bit-tbatijiet ħalli jifdina. Issa fil-każ ta' Marija Scotus jgħid li Kristu immeritalha li tkun meħlusa mill-ħtija tad-dnub oriġinali, imma ma kienx hemm bżonn li minn dan isegwi li hi kellha tinħeles ukoll mill-effetti tad-dnub fl-umanità mifdija. Hekk Kristu immerita lil Ommu l-akbar perfezzjoni rigward dak li għandu x'jaqsam man-nuqqas ta' l-akbar ħtija, imma mhux rigward l-effetti tagħha, li huma importanti biex wieħed jistħoqqlu li jikseb il-merti tal-fidwa ta' Kristu.

Wara li janalizza dawn l-erba' opinjonijiet li joħolqu diffikultà biex wieħed jammetti li Marija ġiet imnissla mingħajr dnub oriġinali, Scotus jagħti tweġiba tiegħu, biex imbagħad jgħaddi għall-provi tagħha.

[3] «Nobilius est remittere alicui culpam ipsum praeservando ne insit, quam permittere offensam inesse et eam postea remittere».

**It-tweġiba ta' Scotus u l-provi li jagħti**

Il-mistoqsija mela hi: Marija ġiet imnissla fid-dnub oriġinali u mbagħad ġiet imnaddfa minnu? Scotus, ta' mgħallem għaref u li jirraġuna fl-irqaqat kollha ta' l-arguementi, iħalli miftuħin il-possibilitajiet kollha, qabel ma jagħti s-sentenza definittiva tiegħu: «Jiena ngħid li kien possibbli li hi ma tiġix imnissla fid-dnub oriġinali. Kien ukoll possibbli li hi kienet fid-dnub oriġinali għal farka ta' mument wieħed u fl-istat tal-grazzja fil-kumplament ta' l-eżistenza tagħha. Kien fl-aħħarnett possibbli li kienet għal xi żmien fid-dnub oriġinali u mbagħad għaddiet fl-istat tal-grazzja»[4].

Rigward l-ewwel possibilità, li Scotus jagħtiha bħala ċerta, hu jgħid li kien possibbli li Alla jagħti l-grazzja lir-ruħ fl-ewwel mument ta' l-għaqda tagħha mal-ġisem, u li l-grazzja għandha l-qawwa li tnaddaf il-ġisem minn kull tebgħa ta' ħtija.

Scotus jammetti wkoll it-tieni possibilità, jiġifieri li r-ruħ tittebba' għal ħakka ta' għajn bid-dnub oriġinali u mbagħad tgħaddi għall-istat ta' grazzja. Din kienet l-opinjoni ta' Henry of Ghent, li jammetti żewġ waqtiet fit-tnissil, dak tal-ġisem infettat bid-dnub u dak tar-ruħ razzjonali santifikata bil-grazzja. Bil-moħħ tagħna nagħmlu distinzjoni bejn dawn iż-żewġ waqtiet, imma fil-fatt huma 'l bogħod minn xulxin biss daqs ħakka ta' għajn. Wara kollox, hemm il-qawwa ta' Alla li jista' jaħdem fiż-żmien jew inkella f'daqqa waħda[5].

Rigward it-tielet possibilità, li fiha r-ruħ titnisel fid-dnub oriġinali u mbagħad tiġi meħlusa minnu, Scotus ma jara l-ebda kuntraddizzjoni, għaliex fil-fatt il-bnedmin kollha jiġu mnisslin fid-dnub oriġinali u mbagħad jgħaddu għall-istat ta' grazzja. Naturalment hu jagħmel eċċezzjoni għal din ir-regola fil-każ tal-Verġni Marija.

**Scotus iwieġeb definittivament għall-kwestjoni**

Scotus jerġa' jmur lura għall-awtorità ta' Missirijiet il-Knisja li jitkellmu dwar il-fatt li l-Verġni Marija ġiet santifikata fil-ġuf, imma li ma kientx imnissla bla dnub oriġinali, u jippreżenta l-provi tiegħu għal din il-verità ta' l-aħħar. Ifakkar li Santu Wistin kien qal li, fejn jidħol id-dnub, ma riedx jikkummenta xejn fil-każ tal-Verġni Marija. Lil San Ġwann Damaxxenu, li qal li l-Verġni ġiet ippurifikata fil-ġisem, hu jurih li ma jistax ikun hemm purifikazzjoni jekk qabel ma tidħolx fil-persuna l-grazzja santifikanti ta' l-Ispirtu s-Santu. Lil San Ljun il-Kbir, li qal li kull min tnissel mill-bnedmin hu iben il-korla ta' Alla, ħlief Kristu, hu jgħidlu li l-grazzja laħqet qabel lill-Verġni Marija biex

---

[4] «Sed quid de facto? Fuitne concepta in peccato originali et postea mundata? Dico quod possibile fuit quod non fuerit concepta in originali; et possibile etiam fuit quod fuerit in originali per unum instans tantum et per totum tempus habitum in gratia; et possibile etiam fuit quod per tempus aliquod fuerit in originali et in ultimo illius in gratia».

[5] «Est primum instans in quo Deus incepit gratificare animam: in quo instanti tantum, ponitur fuisse sub culpa et potentia Dei, in cuius potestate est agere in tempore vel instanti».

ippreservatha mid-dnub oriġinali. Għax filwaqt li l-bnedmin kollha huma ulied il-korla ta' Alla, u jiġu mnaddfin bil-merti tal-passjoni ta' Kristu, il-Verġni Marija ġiet ippreservata milli tkun bint il-korla minħabba privileġġ speċjali li Alla l-Missier għamel magħha, għall-imħabba u l-qima li Hu kellu lejn Ibnu[6]. Rigward dak li jgħid Sant'Anselmu, li Marija twieldet fid-dnub ta' Adam bħall-bnedmin l-oħrajn kollha, Scotus juri li din kienet interpretazzjoni żbaljata tad-dixxipli ta' Anselmu, għax fil-fatt il-veru kliem tiegħu kien li l-Verġni kienet ippurifikata, u fiha ippurifikata tnissel Kristu[7]. Lil San Bernard li jammetti mument li fih Marija kienet imċappsa bil-ħtija skond it-tnissil tal-ġisem u ieħor li fih ġiet santifikata fit-tnissil tar-ruħ, hu jirrispondi li l-grazzja tmiss il-mument li fih ir-ruħ tingħaqad mal-ġisem, u li kien minn dak l-ewwel mument li l-Verġni Marija kienet meħlusa mid-dnub oriġinali. Scotus ifakkar li aħna ma niċċelebrawx it-tnissil tal-ġisem, imma t-tnissil tal-ġisem li fih tidħol tgħammar ir-ruħ. Hu minn dak il-mument li l-Verġni Marija titnissel bla ebda tebgħa ta' dnub oriġinali[8].

Id-Duttur Sottili għandu ħsieb tassew fin meta jgħid li hemm differenza li tgħid li r-ruħ tal-Verġni Marija fil-bidunett ma kienetx taħt l-influss tal-grazzja u li tgħid li r-ruħ tal-Verġni Marija fil-bidunett ma kellhiex il-grazzja. Jekk Scotus jibqa' miftuħ għal possibilità li, f'xi ħakka ta' għajn ta' ħin, il-Verġni Marija setgħet ma kienetx taħt il-grazzja santifikanti, imma ċertament dan ma jfissirx li, imqar għal mument wieħed biss, hi kienet imċaħħda mid-don tal-grazzja.

Il-konklużjoni ta' Scotus tinġabar f'dawn il-kelmiet: «Nistgħu mela ngħidu li hu possibbli li l-imqaddsa Verġni ma kienetx imnissla fid-dnub oriġinali. U dan lanqas ma jnaqqas xejn mill-fidwa universali ta' Binha, kif urejna aktar 'il fuq. Dan nistgħu nikkonfermawh, għaliex il-passjoni ta' Kristu kellha bħala skop immedjat u ewlieni dak li tħassar il-ħtija oriġinali kif ukoll il-ħtijiet attwali. Hekk it-Trinità kollha kemm hi, billi rat minn qabel il-passjoni ta' Kristu applikata lill-Verġni, ippreservatha minn kull dnub attwali, kif ukoll mid-dnub oriġinali»[9].

Din it-tejoloġija hi l-bażi tad-duttrina uffiċjali tal-Knisja dwar l-Immakulata Kunċizzjoni, li tiġi riflessa wkoll fit-testi liturġiċi ta' din is-solennità Marjana, u l-aktar fil-kolletta tal-Quddiesa tat-8 ta' Diċembru.

---

[6] «Unde omnes alii fuerunt praestituti futuri filii irae, et post purgandi merito passionis Christi; ista autem fuit praestituta fuisse filia irae nisi gratia praevenisset, quam Deus voluit sibi specialiter conferre (propter obsequium quod contulit Filio Dei)».

[7] «Virgo fuit mundata, et de ipsa munda fuit Christus assumptus».

[8] «Dicendum est quod conceptio seminum non est celebranda, sed conceptio animati corporis potest celebrari». Scotus ma jidħolx fil-kwestjoni ta' meta r-ruħ tiġi infuża fil-ġisem. Fit-tejoloġija medjevali kienet issir diskussjoni dwar meta r-ruħ tingħaqad mal-ġisem fil-mument tat-tnissil. Lil Scotus jimpurtah biss li, malli r-ruħ ta' Marija ingħaqdet mal-ġisem tagħha, proprju f'dak il-waqt hi kienet meħlusa mid-dnub oriġinali.

[9] «Potest igitur dici quod possibile sit beatam Virginem non fuisse conceptam in peccato originali. Nec hoc derogat universali redemptioni Filii sui, ut supra ostensum est, - et iterum confirmari potest, quia ex quo passio Christi immediatus et principalius ordinatur ad delendum reatum originalem quam actualem, sicut tunc tota Trinitas ex praevisione passionis Christi applicatae Virgini praeservavit eam ab omni actuali, sic et ab omni originali».